MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Numru. 123/2013

**SPETTUR ANNE MARIE MICALLEF**
**VS**
**SAVIOUR DALLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Saviour Dalli ta’ 55 sena, bin Salvu u Catherine nee’ Ellul, mwieled Gudja nhar it- 22 ta’ Jannar 1958, residenti Bini tal- Gvern, Blk 1, Flat 2, Triq tal- Gebel, Birzebbugia u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 88258M;

Talli fix- xahar ta’ Dicembru 2012 u fix- xhur ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’ qerq

iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ atkar minn €2,329.37 ghad- dannu ta’ Eduardo Giovanni Pace ta’ 83 sena minn Tas- Sliema u tal- HSBC Bank Malta plc;

2) u aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem u cioe’ cekkijiet tal- HSBC Bank Malta plc, li jippartjenu lil Eduardo Giovanni Pace anzjan ta’ 83 sena minn Tas- Sliema, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill- istess att, kitba jew skrittura falza;

3) u aktar talli f’ Tas- Sliema matul ix- xahar ta’ Ottubru 2012, ikkommetta serq ta’ cekk book tal- HSBC Bank Malta plc, li jippartjeni lil Eduardo Giovanni Pace anzjan ta’ 83 sena minn Tas- Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil- lok u sar ghad- dannu tal- istess HSBC Bank Malta plc u ta’ Eduardo Giovanni Pace anzjan ta’ 83 sena minn Tas- Sliema;

4) aktar talli f’ Tas- Sliema matul ix- xahar ta’ Ottubru 2012, fetah b’ ghemil doluz jew gieghel li jinfetah xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b’ ghemil doluz ghamel xi att li bih il- kunsinna dovuta ta’ oggett postali, ma thallietx issir jew giet imdewwma milli ssir, jwe ikkomunika jew ghamel uzu minn informazzjoni li kiseb minn oggett postali li jkun gie hekk miftuh u dan ghad- dannu tal- HSBC Bank Malta plc u ta’ Eduardo Giovanni Pace anzjan ta’ 83 sena minn Tas- Sliema;

5) aktar talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenzi moghtija lilu mill- Qrati ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 50 u 289 mhuwiex applikabbli ghal dan il-kaz, u ghalhekk il-Qorti setghet tikkunsidra pieni alternattivi ghal dan ir-reat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 308, 309, 183, 184, 261 u 269 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 62(b) tal- Kap 254 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' disghat elef ewro (€9,000) lil HSBC Bank Malta plc fi zmien sitt (6) xhur millum, ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------